**Kunsill Lokali L-Imsida**

**Laqgħa Annwali tal-Lokalita’.**

Il-Ħamis 15 ta’April 2021 (mħassra minħabba miżuri ta'saħħa COVID 19)

**Rapport Annwali Amministrattiv (Jannar – Diċembru 2020)**

**Werrej**


**1 - Introduzzjoni**

**2 - Popolazzjoni**

**3 - Kunsilliera u karigi**

**4 - L-Amministrazzjoni tal-Kunsill**

**5 - Ħaddiema sekondati**

**6 - Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill**

**7 - Permessi tal-Kunsill**

**8 - Talbiet ta'residenti**

**9 - Kuntatt**

**10 - Deskrizzjoni ta'ħidma mwettqa.**

**11 - Konklużjoni**

## 1- Introduzzjoni

Minkejja r-restrizzjonijiet imposti minħabba il-Covid 19, is-sena 2020 kienet mimlija b' diversi xogħolijiet u sforzi b' risq il- komunità ġewwa l-Imsida u s- Swatar taħt l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida.

Dejjem bl-għajnuna tas-Sindku, il-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill saru sforzi akbar biex jibqgħu għaddejjin u anke mtejjba numru ta'servizzi.

Bil-limitazzjonijiet kollha, li l-Kunsill Lokali tal-Imsida xorta għamel xogħol u assista aktar sabiex jara li l-Imsida u r-residenti jkunu qed igawdu aktar minn titjieb, manutenzjoni neċessarja madwar it-toroq u attivitajiet oħra fejn dawn kienu possibbli.

L-allokazzjoni għas- sena 2020 (Tabella 1) kienet € 666.481 li flimkien ma' dħul ieħor wasslu biex il-Kunsill jżomm pożizzjoni finanzjarja stabbli ħalli jkun jista' jaqdi aħjar il- funzjoni tiegħu.

**ALLOKAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILLI LOKALI**

**2020**

**KUNSILL LOKALI: L-Imsida** Tabella:1

| Funzjonijiet | Ammont Allokat € |
|---|---|
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | 22,691 |
| ŻID – Aġġustament fuq Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna (Jekk japplika) | 300 |
| Tisbiħ u manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi | 3,406 |
| Manutenzjoni tat-Toroq Urbani - Tiswija ta' toroq u sinjali u marki tat-traffiku | 88,590 |
| Manutenzjoni tat-Toroq Mhux Urbani - Tiswija ta' toroq u sinjali u marki tat-traffiku | 2,403 |
| Manutenzjoni tat-Toroq - Knis ta' Toroq Urbani | 63,851 |
| Manutenzjoni tat-Toroq - Knis ta' Toroq Mhux Urbani | 1,068 |
| Immaniġġar tal-Iskart - Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* | 226,443 |
| Spejjeż ta' Amministrazzjoni | 175,828 |
| ŻID – Aġġustament fuq spejjeż ta' Amministrazzjoni (Jekk japplika) | 1,824 |
| Immaniġġar tal-Iskart - *Waste Tipping Fees* | 80,077 |
| Fond għal Zoni Turistiċi (Jekk japplika) | 0 |
| Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Ċitta | 0 |
| Fond ta' Aġġustament fejn il-Kunsill ġie allokat inqas allokazzjoni mill-2019 (Jekk japplika) | 0 |
| TOTAL | 666,481 |

Għalhekk kien ta’ sodisfazzjon, li minkejja kien hemm żieda sostanzjali fin- nefqa operattiva u amministrattiva biex jingħataw dawk servizzi mitluba mill- funzjoni, il-Kunsill Lokali xorta irnexxielu jżomm  bilanċ pożittiv li ser jippermetti biex titkompla l- ħidma, biex il-lokal ta’ L-Imsida ikun aħjar.

Bħal snin ta’qabel  waħda mill-akbar sfidi tibqa dejjem il-permessi għal żvilupp ta’ bini li baqa’ xorta għaddej b’ritmu ta' tkabbir u l- problemi li dan iġġib miegħu meta l-Kunsill ikun qed jipproċessa permessi għall-makkinarju u affarijiet oħra li għandhom x’jaqsmu ma’ kostruzzjoni.

Din ix-xejra kostanti qed tikkonferma dak previst fir-rapporti preċedenti dwar tkabbir fil- bejgħ jew kiri ta’ propjetà’ li wkoll qed twassal għall-numru akbar ta’ residenti lokali u oħrajn barranin li għall-diversi raġunijiet jiġu jgħixu ġo l-Imsida.

Dawn ukoll qed igawdu mis-servizzi offruti mill- Kunsill Lokal li kull ma jmur qed jiżdied minħabba domanda akbar għall ġbir tal-iskart. L-istess bħal kull sena b’ dispjaċir ngħid li l-Kunsill Lokali tal-Imsida, għadu qed jiffaċċja n- nuqqas ta' kooperazzjoni minn fost xi residenti li ma josservawx il-ħinijiet li suppost joħroġu l-iskart u numru ta' abbużi oħra.

Ftit eżempji ta'abbużi fejn il-Kunsill jiehu ħsieb inaddaf



Dan dejjem qed iwassal biex boroż tal-iskart u materjal ieħor, qed jibqgħu barra fit-toroq għal ħinijiet twal, li ma jagħmel xejn tajjeb kemm għal iġjene kif ukoll għad-dehra ta’ din il-Lokalita’ li jixirqilha ferm aħjar.

Il- Kunsill qed jagħmel kull sforz biex din is-sitwazzjoni tirranġa. Għalhekk matul is-sena 2020 bdiet ssir Kampanja Edukattiva permezz ta’ fondi mill-LESA (€6,277.6) li huma dħul li saru minn ċitazzjonijiet li parti minnhom qed jintużaw biex ssiru tabelli informattivi dwar l-iskeda li se jkunu permanenti fit-toroq.




Filwaqt li kien hemm limitazzjoni minħabba il-Covid 19 xorta saru diversi talbiet biex jintbagħatu uffiċċjali għall-infurzar fuq ronda fejn qed ikun hemm rapporti ta’ abbużi. Dawn wasslu għall- numru ta'ċitazzjonijiet iżda għad hemm aktar lok fejn issir progress.

Il- problema prinċipali baqgħet l-abbużi li qed ssiru ġo ħafna postijiet u f’ ħinijiet differenti waqt li n-numru ta’uffiċjali għadu limitat u siegħat li jistgħu jagħmlu ma hux biżżejjed u lanqas ma kien possibbli li jikber minħabba esiġenzi ta' servizz differenti biex jgħinu lill membri tal-komunità f'din il-pandemija .

Matul is-sena 2021 se jittieħdu l-ewwel passi biex ikun hemm aktar superviżjoni lokali fuq dak li qed jiġri bl- għan li titjieb is-sorveljanza fil-Lokalita' u tittieħed l-azzjoni meħtieġa fejn jidħlu abbużi.

Matul is-sena 2020 ittieħdu diversi inizjattivi, fejn ġew ppjanata u sar xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni li se jingħata aktar dettal fuqhom fir-rapport.

Matul is-sena 2020 il-Kunsill Lokali kompla bix-xogħol ta' tisbiħ f'din il-Lokalita' u żdiedet l-ispiża. Għalhekk hemm dejjem bżonn ta' aktar fondi biex jitwettaq il-programm sħiħ ta'manutenzjoni meħtieġa fuq bankini u ħitan li għandu jsir mill- ħaddiema assenjati mal-Kunsill u anke ħaddiema tal-F.T.ZD u W.D.

Kompliet wkoll il-ħidma biex jinkisbu aktar fondi għal numru ta'proposti fil-programm ta'ħidma ppreżentat f'Settembru 2019. Bi pjaċir ngħid li l-fondi għall €8,000 taht Skema ''L.C care 2019'' għall-ħarsien tal-annimali msemmija fir-rapport ta' sena l-oħra intużaw b'suċċess matul is-sena 2020, filwaqt li l-Kunsill reġa' kiseb fondi oħra taht skema ''L.C care 2020'' biex jintużaw għas-sena 2021.



Il-Kunsill Lokali għamel bbenefika wkoll minn żewġt skemi ta'fondi mir-Regjun Ċentru għall-proġetti li huma konklużi u hawn taht deskritti.

**Slow streets (2/2020).**

Studju biex ikunu identifikati toroq li jistgħu jkunu magħluqa b'mod temporanju iżda regolari għall xi ftit siegħat biex jippermettu lin-nies igawdu aktar spazji fejn jimxu jew rikreattivi jew ħielsa minn vetturi (€3,000).




**Spinning photos (3/2020).**

Preżentazzjoni b'immaġni 360° li turi fid-dettal il-ġmiel li wieħed jista' jara b'għajnejh meta jkun ġewwa il-knisja Arcippretali tal-Imsida (€1,000). Din fil-preżent wieħed jista' jara din il-preżentazzjoni fl-uffiċju amministrattiv tal-kunsill .



Għall matul is-sena 2020 kien hemm pjan biex il-Kunsill Lokali jorganizza jew jieħu sehem f'bosta attivitajiet jew inizjattivi soċjali, kulturali u edukattivi iżda li ma kienx possibbli ssiru. Il' quddiem fir-rapport se jingħata' aktar dettalji dwar x'setgħa ssir u anke ta'dawk li għall raġunijiet ġa magħrufa ġew kanċellati. Nawguraw li matul is-sena 2021 parti mill-pjan ta'ħidma f'dan il-qasam jkun possibbli.

Tajjeb li wieħed jgħid li matul is-sena 2020 il-ħtieġa waslet biex ġew maħsuba u ntrodotta sistemi ġodda li matul is-sena 2021 se jkunu inklużi f'sistema online li tkun aktar komda għal dawk li jeħtiegu x' servizz mill-kunsill.

Dan ir-rapport jinkludi tagħrif dettaljat tal-ħidma tal-Kunsill Lokali L-Imsida matul is-sena li għaddiet u indikazzjoni tal-ħidma pjanata għas-sena 2021.

Alan Vella

Segretarju Eżekuttiv.

## 2- Popolazzjoni.

Il-Kunsill Lokali ta’ l-Imsida huwa raħal ta’ madwar 9989 votant (Dati meħuda minn fuq ir-reġistru Elettorali ta’ Ottubru 2020)

Il-popolazzjoni fl-ewwel ta' Jannar 2019 kienet 13,713 filwaqt li fl-ewwel ta' Jannar 2020 kienet 15,364 jew żieda tal-popolazzjoni matul dan il-perjodu ta' 1,651.



Il-figuri go Tabella 2 jagħtu indikazzjoni kemm qed tikber b’rata mgħaġġla l- popolazzjoni u l-iżvilupp li qed ssir, li se jkompli jwassal għall aktar tkabbir fil-popolazzjoni.

## 3- Kunsilliera u Karigi.

Il-Kunsill elett matul din il-leġislatura huwa magħmul minn disa’ Kunsillieri eletti fejn beda jopera b’effett mill-1 ta’ Lulju 2019. Din il-leġislatura hija pjanata li jkollha terminu ta’ ħames snin, jiġifieri sa Ġunju 2024,

Il-Kunsill Lokali huwa magħmul mis-Sindku u tmien Kunsilliera. Kull wieħed jista’ jkollu r-responsabbiltà’ ta’ kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet mogħtija lilu bil-Kap 363 ta’ l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erba’ uffiċċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta’ esperti bħal perit, Contracts maniġer u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati huma li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu, bħala l-Gvern Lokali tal-Imsida.

### 3.1-Leġislatura Tmienja.

Il-Kunsilliera Eletti, Responsabiltajiet u l-impjegati tal-Kunsill Lokali L-Imsida.

- **Sindku Margaret Baldacchino Cefai**: Customer Care, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd, Indafa, Servizzi, Integrazzjoni, Komunitajiet, Libreriji
- **Viċi-Sindku: Romina Galea** : Anzjani, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun
- **Kunsillier Jean Claude Borg**: Kultura, Dawl tat-Toroq.

- **Kunsillier Nicholas Joseph Chircop**: Sports, Attivitajiet fiżiċi, Żgħażagħ u Tfal.
- **Kunsillier Emanuel Brincat**: Infrastruttura, Proġetti, Siti ta' kostruzzjoni, Traffiku, Għajn tal-Ħasselin, Monument GWU, Rappreżentant Ewlieni tas-sotto Kumitat tas-Swatar.
- **Kunsillier Charles Selvaggi**: Innovazzjoni, Ħarsien ta' l-annimali.
- **Kunsillier Maurice Agius**: Qasam Soċjali, Persuni b'diżabilità.
- **Kunsillier Alfred Farrugia**: Ambjent, Dawl tal-ġonna, Manutenzjoni ta' Ġonna, Funtani, Bust u Monument, Postijiet pubbliċi
- **Kunsilliera Judy Sciberras**: Edukazzjoni



Il-Kunsill elett mil-1 ta' Lulju 2019

- **Il-Kumitat tal-Finanzi** huwa magħmul mis-sinjuri Margaret Baldacchino Cefai, Charles Selvaggi u Joe Demarco flimkien mal-Accountant u s- Segretarju Eżekuttiv.
- **Kumitat tal-Offerti Pubbliċi** huwa magħmul mis-sinjuri Margaret Baldacchino Cefai, Charles Selvaggi, Nicholas Joseph Chircop,

Kunsillier responsabbli għas-suġġett. Ma dawn jista' jinħatar espert fis-suġġett estern flimkien ma' Avukat u Awditur.

## 4- L-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill matul 2020 kienet komposta kif ġej:

- **Alan Vella** : Segretarju Eżekuttiv

  Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, kemm amministrattiv, finanzjarju u dak legali.

- **Is-Sinjura Rachel Aquilina** : Deputat Segretarju Eżekuttiv

  Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, u riżorsi umani.

- **Is-Sinjura Sonia Vassallo** : Assistent Prinċipal

  Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, permessi u ħlasijiet.

- **Is-Sinjura Mirane Mifsud Triganza** :Assistant Prinċipal

  Responsabbli mill-midja, Facebook, stimi u xiri.

- **Is-Sinjura Naomi Baldacchino** : skrivan

  Responsabbli għar-relazzjonijiet Pubbliċi, Servizzi u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, korsijiet u ħlasijiet oħra.

### 4.1 Salarji.

In-nefqa fis-salarji għas sena 2020 kienet ta' € 158.917 skont is-siegħat kif indikat f' Tabella 4 u inkluż il-bonus, sahra u kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali.




## 5- Ħaddiema sekondati mal-Kunsill.

### CWEF

- Is-Sur Jesmond Schembri Team Supervisor
- Is-Sur Joseph Baldacchino
- Is-Sur Benjamin Zarb Spiċċa nhar il-5 ta'Ottubru 2020
- Is-Sinjura Diane Vella
- Is-Sur Emantin Spiteri
- Is-Sur Raymond Borg beda nhar is-6 ta'Frar 2020
- Is-Sur Vincent Xuereb beda nhar id-9 ta'Novembru 2020
- Alexander Zammit.

### IPSL

- Is-Sur Ray Vella
- Is-Sur Joseph Gerada Spiċċa nhar it-13 ta'Mejju 2020

Il-ħlas bażiku ta’dawn il-ħaddiema ssir dirett mid-dipartimenti tagħhom skont is-siegħat kif indikat f'Tabella 4 filwaqt li l-kunsill jieħu ħsieb ħlas ta’sahra jew *allowances* skont il-bżonn u il-*performance bonus*. In-nefqa fuq dawn għas sena 2020 kienet ta' €13,265.




## 6- Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Diċembru 2020 inżammu 12-il laqgħa minn L8-09 sa L8-20 u l-attendenza kienet hekk kif hawn taħt murija. L-allowances mħallsa għall-kunsilliera u l-onorarja kienu jammontaw għall €18,100.

Attendenza għall-laqgħat tal-Kunsill – bejn 1 ta’ Jannar sa 31 ta’ Diċembru 2020 saru 12 il-laqgħa.

- Sindku Margaret Baldacchino Cefai: 12 Preżenti
- Viċi-Sindku Romina Galea: 10 Preżenti: 2 skużat
- Kunsillier Jean Claude Borg: 12 Preżenti
- Kunsillier Emanuel Brincat: 12 Preżenti
- Kunsillier Nicholas Joseph Chircop: 12 Preżenti

- Kunsillier Maurice Agius: 11 Preżenti -1 skużat
- Kunsillier Alfred Farrugia: 11 Preżenti- 1 skużat
- Kunsilliera Judy Sciberras: 11 Preżenti - 1 skużat
- Kunsillier Charles Selvaggi:11 Preżenti - 1 Skużat

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella, ħa ħsieb il-laqgħat tal-Kunsill.

## 7- Permessi tal-Kunsill

Matul is-sena 2020 ġew ipproċessati 3,288 applikazzjoni ta' permessi għall xogħlijiet varji fil-lokal b'dħul ta' €49,381.47.




kif spjegat go Tabella 6. Il-permessi jinqasmu f'diversi kategoriji fosthom.

- 3002 permess għall- makkinarju għall-kostruzzjoni, *scaffoldings* u materjal,
- 30 permess għall-tħaffir ta’ toroq,
- 235 permess għall-tqegħid ta’ *skips*.
- 4 permessi għall-kjosk
- 1 permess għall-imwejjed u siġġijiet jew attivitajiet li jinħargu fiż-żmien tal-festa tal-lokal
- 16 il-permess għall-attività

## 8-Talbiet mir-residenti.

Matul is-sena 2020, il-Kunsill irċieva bosta talbiet għall-assistenza kif indikat f'tabella 7 fejn dawn jiġu proċessati u magħluqa skond il-kategorija kif indikat. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra t-talbiet li jaslulu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta’ ilmenti anonimi jew dawk li jkunu ġejjin minn aktar minn persuna waħda għall-istess talba jew rapport. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli, fil-konfront tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista’ jżomm kontroll fuq it-talbiet, li jkunu għadhom pendenti.

| Category | General | Enforcement | Cleaning | Waste | Entities | Lighting 2 | Total requests | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Request | 794 | 150 | 15 | 15 | 168 | 156 | 1298 | 100.00 |
| Done | 764 | 0 | 0 | 0 | 60 | 154 | 978 | 75.3 |
| Refused | 18 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 18 | 1.4 |
| Pending | 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 5 | 0.2 |
| Reported | 9 | 150 | 15 | 15 | 108 | 2 | 299 | 23.0 |

**Tabella: 7**

Fost it-talbiet hemm xogħol ta’ tindif u manutenzjoni madwar il-lokal ta’ l-Imsida u s-Swatar, rapporti ta’ dwal tat-toroq jew oħrajn fuq ħsarat jew abbużi li tajjeb li ngħidu li jinqasmu f’żewġt kategoriji, dak taħt ir-responsabiltà’ tal-Kunsill Lokali jew dawk li huma taht Entitajiet tal-Gvern Centrali.

Il-parti l-kbira ta' dawn ġew magħluqa permezz ta’ xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd.(IPSL) u dawk taħt l-iskema ta’ xogħol fil-komunità (CWEF).

## 9- Kuntatt.

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat ma’ entitajiet u dipartiment diversi fejn ġew diskussi suġġetti varji relatati mal-Imsida. Fosthom kien hemm laqgħat ma:

- **Transport Malta:**

  Fuq problemi ta’ traffic management , infurzar u faċilita għall-użu tal-e bike viċin il-Junior college.



- **Infrastruttura Malta :**

  Dwar xogħol ta ’rikostruzzjoni ta’ toroq residenzjali (Torri) jew tiswijiet u periklu go toroq arterjali.

- **Water Services Corporation:**

  Dwar xoghol u l-problemi tad-dranagg go Xatt Ta'Xbiex u xoghol iehor relatat biex terga tinbena Triq it-Torri.



- **F.T.S.**

  Dwar bosta affarijiet relatati mal-iskola tal-Imsida jew dak li hemm bżonn ssir biex jittnaqsu l-inkonvinjenzi li jista jkun hemm madwar is-sit tal-kostruzzjoni hekk kif bdiet tinbena u xoghol jinsab miexi b'ritmu tajjeb.

- **L-Awtorità tad-Djar.**

  Dwar skemi għall manutenzjoni ġol-komun ta'bini residenzjali tal-Gvern u il bini ta'blokka ġdida bejn Triq Garcin u Wied tal-Imsida.

- **Pulizija:**

  Dwar aktar kooperazzjoni, infurzar u sigurtà fit-toroq tal-Imsida.

- **LESA:**

  Dwar aktar presenza ta'uffiċjali tal-Komunità', infurzar fuq abbużi mill-kostruzzjoni, skart u parkeġġ illegali.

- **Enemalta:**

  Dwar intervent fuq ħsara aktar effettiv u problemi fuq sistemi ta'distribuzzjoni.

- **Green Pak:**

  Dwar Kooperazzjoni aħjar biex jinġabar skart riċiklat, tqassim ta' boroż tar-riċiklaġġ għar-residenti, żamma tal-kunċett ġdid ta' l-iBins

- **WasteServ:**

  Dwar il-ftehim fuq ġbir ta'skart organiku u aktar kooperazzjoni amministrattiva fuq inizjattivi relatati ma riċiklaġġ jew oħrajn.

- **Id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali:**

  Dwar amministrazzjoni, affarijiet interni u proċeduri.

- **Kuntratturi u Żviluppaturi:**

  Dwar xogħlijiet ,abbużi u sigurtà go-toroq.

- **Kumitat armar tal-Festa.**

  Dwar aktar parteċipazzjoni attiva b'kollaborazzjoni fl-attivitajiet tal-Kunsill u ħidma fuq il-pedestall ta' San Guzepp.

- **C.S.F.**

  Dwar proposti biex isiru recycled gardens.

- **Kunsill Studenti Junior Collage.**

  Dwar tħawwil ta' siġar barra il-kulleġġ go Triq is-Snajja' k/m Triq Oscar Zammit mill kunsill tal-istudenti.



- **M.E.C.P:**

  Dwar possibilità ta’titjib fil-proġett tal-afforestazzjoni fis-Swatar

- **Assoċjazzjoni Kunsill Lokali:**

  Dwar amministrazzjoni,  Inizjattivi , Skemi.

- **Għaqda tad-Dgħajjes:**

  Dwar l-immaniġġjar tal-Iskall

- **FSWS:**

  Dwar aktar kollaborazzjoni u inizjattivi soċjali jew edukattivi ġodda għall komunità.

- **Nanniet Malta:**

  Dwar possibilità li jkunu jistgħu joffru servizz aktar lokalizzat għall-anzjan fil-komunità tal-Imsida.

- **Ozo Group:**

Wara li tkellmu mal-kunsill offrew u bagħatu numru ta’ħaddiema biex jagħmlu xogħol ta’tindif fil-lokalita sakemm jibqa’ fis-seħħ il-lock down li ma’ jippermettix li jmorru fil-post tax-xogħol normali tagħhom.

- **Ministeru tal-Anzjani:**

  Tkomplija u titjib bis-servizz għat-trasport għall anzjani permezz tas-Silver T li ħa l-post ta’servizzi bit-Tuk Tuk.




**Happy Parenting Malta:**

Dwar possibilità li jkunu jistgħu joffru servizz ta’tagħlim aktar lokalizzat għall tfal fil-komunità tal-Imsida.




## 10- Deskrizzjoni ta'ħidma mwettqa.

Matul s-sena jsir ħafna xogħol li hemm ħafna minnu ma jidhirx bħal dak li jsir mill-uffiċċju fosthom ħlasijiet ta’ kirjiet, rapporti  lill- entitajiet li l-Kunsill

mhux responsabbli għalihom, koordinament ta' xogħolijiet, tweġibiet ta' ħafna mistoqsijiet Parlamentari u mid-Dipartiment fejn dawn jieħdu ħafna ħin. Hemm wkoll tqassim ta' boroż għal-iskart organiku jew għar-riċiklaġġ.

### 10.1-Knis u tindif.

Ta' kuljum issir knis u tindif fit-Toroq. Dan jammonta għal €36,527 għall-Imsida u €5,614 għas-Swatar.  Jiġifieri total infieq għas-sena 2020 kien ta' €42,141.







### 10.2- Ġbir ta' skart. (Sewda jew Organika)

Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda) u ta'skart organiku (borża bajda) li ssir skond l-iskeda . Dan jammonta għal €153,922 għall-Imsida u €20,828

għas-Swatar. Tajjeb wieħed jgħid li l-ispejjeż għall-skart organiċi jiġu mħallsa lura mill- WasteServ. Jiġifieri total ta' infieq għas-sena 2020 kien ta' €111,170.

**10.3- Tunellaġġ ta'Skart miġbur.**

It-tipping fees €66,262 għal skart miġbur huwa eskluż mill-ispejjez għal ġbir. Tabella 8 tagħmel paragun ta'tunellaġġ miġbur fis-sena 2020 ma' sena preċedenti.

Tabella:8




**10.4- Skart Goff.**

Matul is-sena 2020, intlaqgħu 4,846 talba mir-residenti biex jinġabar skart goff (**Bulky Refuse)** minn wara l-bibien tad-djar Residenzjali.

- L-Imsida 4,227 talba għal 6,797 oġġett.
- Is-Swatar 619 talba għal 970 oġġett.


B ulky waste collected current year
clothes rack (horse)
bottles
BBQs (including gas BBQs)
gas heaters
mattresses
bicycles
hubcaps
car mirrors
car radio
car batteries
Garden Waste others
lawn mowers
gardening tools
plants
logs
sanitary ware (e.g. bath, basin, toilet)
jablo
water pipes
water tanks
metal windows/doors
tins (e.g. oil, paint)
foam
other textiles and related Items
prams/pushchairs
curtain rods
curtains
clothes
cane furniture
dressers
beds
cupboards
tables
703
91
20
0
19
29
58
39
6
620
26
21
1
0
2
0
16
1
5
4
10
73
6
0
0
10
4
16
5
492
1735
165
5
15
8
65
1
44
147
69
129
52
48
6
71
59
1
32
58
3
62
1
82
5
324
159
384
359
123
183
145
275
567
108
0
200
400
600
800
1000
1200
1400
1600
1800
2000
B ulky waste collected current year

Dan huwa servizz li jingħata 3 darbiet fil- ġimgħa, li jammonta għal €21,942 fl-Imsida u € 3,391.5 għas-Swatar. Jiġifieri total infieq għas-sena 2020 kien ta' €25,334.

## 10.5- WEEE.

Matul is-sena 2020 intlaqgħu 1,874 talba għal ġbir ta oġġetti tal-elettriku jew batteriji – WEEE minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

- L-Imsida 1,593 talba għal 1,818 oġġett.
- Is-Swatar 281 talba għal 338 oġġett .



Dan huwa servizz li jingħata darba fil-ġimgħa, u provdut taħt l-iskema tal-Greenpak.

**10.6- Skart għar- riċiklaġġ.**

Ġbir ta' skart għar- riċiklaġġ ( borża ħadra) ssir skond l-iskeda. Dan huwa servizz li jingħata darba fil- ġimgħa u provdut taħt l-iskema tal-Greenpak li tieħu ħsieb wkoll tlett Bring in Sites li hawn fil-lokalita'.







Matul is-sena 2020 inġabru 582.23 tunnellata ta'skart għar- riċiklaġġ filwaqt li kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar, jsir ġbir ta' ħġieġ li huwa wkoll provdut taħt l-iskema fejn inġabru 45.91 tunnellata ta' ħġieġ.




| | Door to Door Green Bag | Door to Door Glass | Ibin Cardboard | Ibin Metal | Ibin Glass | Ibin Plastic |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Previous year | 507.12 | 48.02 | 30.96 | 4.71 | 61.98 | 13.4 |
| Current year | 489.86 | 55.66 | 22.1 | 5.16 | 45.91 | 9.45 |

Ma dawn għadu wkoll qed issir depożitu ta’ ħwejjeġ użati go kontenitur ħdejn il-Kunsill u ieħor fis-Swatar.

**10.7- RoadShow Campaign**

Il-Kunsill kompla jagħti appoġġ għal din l-inizjattiva fejn qed jsir aktar sforz biex jintlahqu r-rati ta’ riċiklaġġ u jonqos aktar l-iskart mill-miżbla. Għall dan il-għan il- WasteServ qed tagħmel użu minn flotta ta' trakkijiet tal-ġbir li jservu biex jippromwovu prattiki sostenibbli tal-iskart, b'enfasi speċifika fuq is-separazzjoni tal-iskart b'mod aktar effettiv u effiċjenti.




Dan il-kunċett ħareġ minn l-inizjattiva Sort It Out biex jnaqqas il-kontaminazzjoni ta’ skart għar-riċiklaġġ. It-trakkijiet għandhom diviżorji għall-iskart differenti. Din il-kampanja fit-toroq qed tagħmilha aktar faċli għall-pubbliku biex jarmi skart perikoluż bħal żejt tat-tisjir, bozoz tad-dawl u tubi tad-dawl. Dan is-servizz qiegħed skedat għal kull tielet Erbgħa ta’ kull xahar bejn it-8am – nofsinhar.

**10.8- Tindif volontarju.**

Matul is-sena 2020 ma kienx possibbli li ssir il-Kampanja ‘Clean up the World’, iżda l-Kunsill xorta ma joqgħodx lura meta ssib residenti jipproponu u joffru li jagħtu s-sehem tagħhom. Għalhekk din is-sena b'sodisfazzjon laqgħa l-offerta ta' membri minn komunitajiet barranin biex

bl-għajnuna tal-kunsill ġie mnaddaf iz-zuntier u d-dawra ta' mal-Knisja. Kull ftit jgħodd u dan ikompli jawgura tajjeb għall quddiem.





**10.9- Ġonna.**

Tindif tal-ġonna, u taħwil ta' pjanti u arbuxelli, jammonta għal €32,800 għall-Imsida u €4,337 għas-Swatar. Jiġifieri total infieq għas-sena 2020 kien ta' jammonta għal €37,137.



**10.11- Manutenzjoni fid-dawl.**

Matul is-sena issir ukoll tiswijiet u bdil ta' bozoz fejn ikun hemm bżonn, b'total ta' infieq ta' €17,469. Skont il-pjan ta'ħidma propost beda ssir

xogħol ieħor biex fejn hemm bżonn jinbidlu fanali antiki ma oħrajn ġodda li jinkludi wkoll is-sistema ta'distribuzzjoni. Fis-sena 2020 inbidlu il-fanali li hemm go Misraħ G.Debono għal €13,679.07 li tħallsu minn parti ta' Skema għal-fondi 1/2020 mir-Regjun Ċentru.



Tajjeb wieħed jgħid li parti oħra minn din l-iskema se tkopri wkoll 80% tal-infiq biex jinbidlu il-arbli u fanali go Misraħ San Guzepp matul is-sena 2021.

**10.12- Xogħol ieħor ta'manutenzjoni.**

Matul is-sena 2020 sar xogħol ieħor fit-toroq madwar l-Imsida u s-Swatar, li jkunu pjanat jew minn talbiet mir-residenti kif indikat f'Tabella 7. Fost dawn jinkludu xogħolijiet ta'refreshing tas-sinjali tat-toroq li jsir skond skeda ta' xogħol li tul is-sena tkopri l- Imsida kollha, xogħol ta' patching u twaħħil ta' tabelli fost oħrajn ( €19,025.7 )














Ma’ dawn ikun hemm wkoll xogħol ieħor barra mir-rutina meta sfortunatament saru bosta ħsarat li kienu kawżat minn vandaliżmu li jirrikjedu xogħol ta' tindif u tiswijiet urġenti li saru kemm bil-ħaddiema jew bil-kuntratturi tal-kunsill.



**10.13- Xogħol ieħor minn entitajiet Governattivi.**

Permezz ta’ftehim bejn il-Kunsill u entitajiet governattivi oħra, matul is-sena 2020 beda ix-xogħol ta’manutenzjoni fuq il-funtani ta’Triq Dargens u il-pompi tal-monument tal-ħaddiema mill-Works Department.



Kien hemm wkoll xogħol ta’ tiswija fl-injam tal-gazebo li kien fi stat ħażin u qed jitmermru.  Sar ukoll xogħol ta’żebgħa fil-Ġnien ta’Misraħ 5 ta’Ottubru mill- Foundation for Tourism Zone Development.












Dan il-ftehim jaħseb biex ix-xogħol ssir mill-ħaddiema tal-entitajiet governattivi filwaqt li l-Kunsill jagħmel tajjeb għal l-ispejjez tal-materjal li jkun hemm bżonn.

**10.14- Armar tal-Milied**

Bħal kull sena, sar it-tiżjin tal-Milied ma' toroq prinċipali tal-Imsida. Dawn kienu finanzjati mill-fondi tal-kunsill u oħrajn tar-Regjun Ċentru Skema 5/2020 (€3,000).Dawn ġew użati biex ssir dawl ġdid go Triq Dargens.



**10.15- Solidarjetà Nazzjonali.**

Bħal kull sena il-Kunsill jipparteċipa f'kampanji Nazzjonali bħal fost oħrajn tinxtal l-binja tal-Kunsill b'kulur roża għall-Pink October






Jew ħamra biex tikkommemora l-Jum Dinji  tad-Donaturi tad-Demm fejn ukoll ssemmiet triq għalhekk.







Ma setax jonqos li l-kunsill jagħti is-sehem tiegħu waqt din il-pandemija u fejn kien possibbli ra kif jagħmel u ħadem biex jagħti sostenn u  juri solidarjetà f'dawn iż-żminijiet diffiċli fejn bosta residenti spiċċaw maqfula ġewwa.

Il-kunsill pparteċipa wkoll fil kampanja Rigal b'imħabba – Milied għat-tfal kollha (€114.94).



Permezz ta'skema 7/2020 għall €5,000 fondi mir-Regjun Ċentru ,inxtraw u sar tqassim ta'COVID-19 packs lill tfal mill- Imsida li jattendu fl-iskola primarja lokali jew St Francis u St Martin li jinsabu fil-konfini tal-Imsida. Ma

dawn ibenefikaw wkoll tfal mill-Imsida li ma'jattendux fl-iskejjel msemmija iżda jattendu għall Museum tas-Subien u Bniet jew membri ta'Sea scouts lokali jew li jieħdu xi servizz mill-FSWS.




Filwaqt li l-pandemija ma tarax festi, il-Kunsill ħa ħsieb li jkun hemm ftit atmosfera ta'dawl b'solidarjetà u apprezzament ma'dawk il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa li ta'kulljum qed jieħdu ħsieb b'sagrifiċċju kbir l-iswabs go Mater Dei.






Inizjattiva oħra kienet il-paġna facebook You Safe Msida li ġiet imnedija minn kull kunsill bil-għajnuna tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Din kienet strumentali biex waslet mhux biss informazzjoni relatata mal-Covid 19, iżda għenet wkoll lill bosta resident biex jinqdew f'dak li għandu x'jaqsam ma' bżonnijiet ta'kuljum jew servizzi essenzjali oħra.








DELIVERY SERVICES BEING OFFERED IN MSIDA DURING COVID-19

| | | |
|---|---|---|
| ravel Experience Ltd. | 9999 1999 | Food Deliveries/Medicinal delivery/taxi service or any other needs. |
| elah Butcher | 99678046 | Butcher & daily needs |
| urly Wurly Confectionery | 79207109/27207109 | Daily needs |
| Villiam & Marius Fish Hawkers | 99846442 | Fish delivery |
| ova Services | 7711 52201 | Food Deliveries/Medicinal delivery |
| angla Convenience | 77784032/77783956 | Groceries |
| oldenEverest Mini Market | 99622203 | Groceries |
| est Choice Daily Needs | 79919610 / 27632090 | Groceries |
| plendid Store | 21332364 | Groceries |
| elaverde | 27675011 | Groceries |
| omAfrica Mini Market | 99043503 | Groceries delivery only Msida |
| RKADIA FOODEXPRESS | 9910 2393 / 2210 3204 | Groceries, Chilled & Frozen Products, Fruit & Vegetables and Fresh Meat & |
| ake and Emma Fresca Verdura | 9950 5013 | Groceries/fruit and Veg delivery ONLY in Msida Circle area |
| ngela's Creation Hairdressing | 99403018 / 21311038 | Hairdressing products |
| armelo Caruana Fright orwarding | 79042500 | Home delivery from any shop |
| Bureau | 79231707 / 21231707 | stationery & printing |
| apier Stationery | 21312257 / 79319848 | Stationery, printing, arts and crafts supplies, games. |
| fteen37 Café | 79403374/ 27403374 | Take Away / Delivery |
| asta and Co | 2707 2245 | Take Away / Delivery |
| ncle's Matt Kitchen | 77665555 | Take Away / Delivery |
| mina Poultry Products | 21466180 / 79791210 | Fresh Poultry Products |
| KZ Detergent Van | 79791772 | Household detergents |

## 10.16- Miżuri għal sigurtà tas-saħħa pubblika.

Ħidma oħra relatata mal-Covid 19 kienet dik li jkun hemm prevenzjoni ta’kuntatti fiżiċi bejn in-nies. Għalhekk il-ħaddiema tal-kunsill li baqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom fejn għamlu ċert li bosta affarijiet għal użu pubbliku jkunu ssiġillati.

B’dispjaċir kien innotat li x’wħud ma’ għandhomx rispett lejn ħadd u b’mod regolari kienet ssir spezzjoni fuq barra biex jkun żgurat li għad hemm kollox issiġillat.



## 10.17- Integrazzjoni.

Waħda mil-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali tinkludi l-Integrazzjoni fil-lokalita fejn go l-Imsida jeżistu diversi komunitajiet barranin. Kien hemm pjan għal laqgħat li sfortunatament saret waħda biss f' Jannar u l-oħrajn tħassru minħabba il-Covid 19.



L-għan ewlieni huwa biex kulturi differenti jersqu lejn xulxin u jgħarrfu jaħdmu flimkien bħal voluntiera msemmija aktar qabel għall ġid tal-lokalita. Tajjeb wieħed isemmi li matul is-sena 2020 membri mill-komunità Indjana iffurmaw Ċrieket Club fejn għamlu kuntatt u tkellmu mal-Kunsill Lokali biex jagħmlu l-isem Msida Warriors u jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-kampjunat lokali.



**10.18- Edukazzjoni / Kultura / Sport.**

Funzjoni oħra li l-Kunsill Lokali għandu hija dik tal-edukazzjoni , kultura u sports fejn bħal snin oħra ma naqasx mill-pjanijiet tiegħu biex jkompli jaħdem u jippromovi attivitajiet relatati matul is-sena 2020.

Sfortunatament il-Covid 19 ma jippermettix li jsiru ċertu attivitajiet bħal Sajf fil-Pjazza, sessjonijiet ta' informazzjoni għall ġenituri u tfal fuq Cyber Security u taħriġ fuq e-sports. Iżda kien hemm ukoll oħrajn fosthom Badminton display, kompetizzjoni għat-tfal tal-iskola u korsijiet bl-għajnuna tal-Happy Parenting Malta li kien possibbli ssiru minkejja il-limitazzjonijiet li setgha kien hemm.



























### 10.19- Bye Law S.L 363.222

Bdew jaslu rapporti dwar individwi miġbura f'ġemgħat go toroq residenzjali jixorbu l-alkoħol u joħolqu bosta inkonvenjenzi fosthom storbju , ħmieġ u anke affarijiet oħra li mhux iġjeniċi jew li jnaqqsu l-valur ċiviku.

Dawn ir-rapporti kienu qed jiġu mogħdija lill awtoritajiet li jistgħu jieħdu azzjoni, iżda wara xi laqgħat li saru magħhom dwar is-suġġett kien osservat li hemm problema ta' interpretazzjoni fil-liġi li ma'tippermettix azzjoni ċara.

Għalhekk il-kunsill lokali b'konsultazzjoni mal-istess awtoritajiet ħadem fuq Byelaw ġdida ''BEVERAGES IN GLASS CONTAINERS AND CONSUMPTION OF ALCOHOL IN PUBLIC PLACES'' li ma'tippermettix konsum ta'xorb alkoħoliku go l-ebda triq go l-Imsida sakemm ma'jkunx hemm permess maħruġ skond regolamenti nazzjonali kif deskritti fl-istess Bye law. https://legislation.mt/eli/sl/363.222/eng

### 10.20- Limitazzjonijiet oħra minħabba Covid19.

Filwaqt li l-operat tal-kunsill baqa' b'mod jew ieħor għaddej b'ritmu kważi normali, kien inevitabbli li jkun hemm xi restrizzjonijiet fuq wħud mis-servizzi l-oħra provduti fiċ-Ċentru Ċiviku.

- Il- Librerija kienet magħluqa bejn Marzu u Ġunju 2020.Qabel ma reġgħet fetħet kien żgurat li jkun hemm fil-post miżuri ta'protezzjoni skond il-protokoll tas-saħħa. Matul l-2020,Il-Kunsill lokali bħal kull sena ħareġ fondi għal aktar kotba (€461.57).
- Il-Berġa kienet wkoll magħluqa f'Marzu u minħabba li hija żgħira u bosta fatturi oħra li ma kienx hemm kontroll fuqhom reġgħet fetħet Settembru b'servizzi ta' podjatrija.

- Is-Servizz biex jingħata l-vaċċin tal-influwenza, ma kienx bħas-snin ta’qabel, iżda sar fiċ-Ċentri tas-saħħa.




- F’Marzu 2020 c-Ċentru ta’ l-Anzjani kien wkoll magħluq sa Ġunju. Qabel ma reġa’ fetaħ kien żgurat li jkun hemm fil-post il-miżuri ta’protezzjoni skond il-protokoll tas-saħħa. Fost dawn kien hemm tnaqqis fin-numru ta’anzjani li jistgħu jattendu fl-stess ħin naqas għal disgħa persuni.

  Dan wassal biex żdiedu il-ġranet li ċ-Ċentru jkun miftuħ. Iżda sfortunatament kien hemm wkoll perjodi li dan ma setax jinfetaħ.

  Għalhekk il-Kunsill Lokali ħa deċiżjoni prudenti fejn ħassar kull pjan għal attivitajiet bħal Quddiesa u festin kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar jew ħarġiet għall anzjani sakemm jkun il-waqt opportun li dawn jistgħu jerġgħu ssiru. Minkejja dan, il-kartolina ta’awguri f’għeluq is-snin tal-anzjani xorta baqgħet tintbagħat.

Fejn huwa possibbli l-impjegati tal-Kunsill dejjem huma disposti biex jassistu l-anzjani ħalli ikunu moqdija minn numru ta’servizzi provduti minn entitajiet governattivi oħra.

Kien hemm ukoll okkażjoni fejn il-Kunsill ikkollabora ma’ Jasmine Home biex inferrħu l-anzjani.



Qed ssir wkoll xogħol ta’ kordinazzjoni mal- Awtorità tad-Djar u residenti ta’blokki tal-gvern biex jibbenefikaw minn skemi ta’fondi biex ssir xogħol ta’manutenzjoni fil-komun.

**10.21- Teknoloġija.**

Kif kien spjegat fir-rapport tas-sena preċedenti, ix-xogħol ġo l-uffiċċju amministrattiv kien qed jiżdied permezz ta' ħafna nies li ta'kulljum jersqu lejn il-Kunsill biex jinqdew b’servizzi offruti.

Il-Kunsill għandu l-paġna Facebook li twassal bosta informazzjoni dwar dak li qed ssir go l-Imsida. Din qed isservi wkoll biex residenti jwasslu il-kummenti tagħhom.



F'Marzu 2019 kien introdott mezz ieħor ta'komunikazzjoni permezz ta'mobile app li joffri informazzjoni ġenerali dwar il-lokal u jinkludi wkoll faċilita biex ssiru rapporti ta' ħsarat jew biex resident jkun jista' jitlob għall xi servizzi offruti mill-Kunsill Lokali bħal ġbir ta'skart goff u oħrajn.



Matul is-sena 2020 beda jitwettaq il-pjan biex titjieb il-komunikazzjoni mar-residenti. Dan se jkun possibbli permezz ta'website ġdida li se sservi ta' pjattaforma li se tkun kompatibbli mal-mobile app u l-email tal-Kunsill Lokali ‘’ [msida.lc@gov.mt](mailto:msida.lc@gov.mt) ‘’ barra li se toffri aktar aċċess għal servizzi tal-kunsill bħal talbiet u ħlas għal permessi online.



Dan ifisser li permezz tal-mobile app jew website, kull min jixtieq jista' jagħmel kuntatt għal xi servizzi tal-Kunsill Lokali jew biex jagħmel rapport ta'ħsarat. Aktar minn hekk se jkun hemm wkoll faċilita ta' aċċess ma' entitajiet governattivi għal servizzi oħra li ma jkunux tal-Kunsill Lokali.

**10.22- Żagħżugħ tas-sena.**

B'rikonoxximent għas sehem tiegħu fil-komunità tal-Imsida b'mod speċjali fl'-għaqda ta-żagħżagħ fi ħdan L-Ghaqda Melita Band San Guzepp L-Imsida. Il-kunsill nomina lis-Sur Jean Claude Borg għall premju Zghazagh tas-sena organizzat mill għaqda Kerygma fejn spiċċa runner up.




**10.23- Kalendarju.**

Bħal kull sena, l-Kunsill ħa ħsieb joħroġ il-kalendarju biex jitqassam lir-residenti fejn it-tema għas-sena 2021 kienet tħares lejn it-tfal u il-logħob tradizzjonali tal-ġenerazzjonijiet ta'qabel (€1,632.75).




**10.24- Jum l-Imsida.**

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb jorganizza Jum l-Imsida b’differenza fejn diversi attivitajiet relatati li kienu ssiru f’snin preċedenti ġew kanċellati minħabba il-Covid 19.

Minflok is-Serata Ġieħ L-Imsida, din is-sena saret ċerimonja żgħira u ristretta fis-sala tal-Kunsill Lokali li għalija attendew il-membri tal-kunsill u ic-CEO tal-isptar Mater Dei u l-membri tal-korp tal-pulizija fl-Imsida li fil-kollettiv  ingħataw il-ġieh bħala radd il-ħajr għal l-isforz u s-sagrifiċċji tagħhom biex jagħtu servizz u jgħinu liċ-ċittadin waqt il-pandemija.



## 11- Konklużjoni

Matul is-sena 2020 saret laqgħa waħda minn tnejn kif mitlub mill-Leġislazzjoni. Minħabba miżuri li ittieħdu għas-sitwazzjoni Covid 19, il-laqgħa pubblika biex ir-residenti jkunu nfurmati bil-ħidma tal-kunsill u il-pożizzjoni finanzjarja sa tmiem is-sena preċedenti ma setgħetx issir sal-15 ta'April.

Il-laqgħa biex il-pubbliku jkunu jistgħu jagħmel is-suġġerimenti tiegħu għall pjan ta'ħidma għas-sena suċċessiva saret fil-15 ta'Diċembru 2020.

Filwaqt li l-Kunsill Lokali l-Imsida qed iwassal rapport dettaljat għal ħidma fl-2020, qatt ma hu possibbli twassal il-volum ta' attività li ta'kulljum li tkun għaddejja matul is-sena.

Dan ir-rapport għandu jitniehed bħala kontinwazzjoni ta'rapporti oħra tas-sena preċedenti flimkien ma' pjan ta' ħidma preżentat fl-ahhar ta'Settembru li wassal 81 proposta.

Ħafna minn dawn huma nklużi fl-estimi finanzjarji għas-sena 2020 biex jibdew jitwettqu. Il-pożizzjoni finanzjarja preżenti u l-pjan ta' ħidma mfassal qed jagħtu indikazzjoni ċara fejn il-Kunsill Lokali tal-Imsida rrid jasal fis-snin li ġejjin.

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati, lill-ħaddiema u l-volontarji tal-Kunsill, tal-ħidma u l-kollaborazzjoni tagħhom. Għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat mis-Sindku u l-Kunsilliera, seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

FFirmat

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |